MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Numru. 341/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Eman Cassar ta' 23 sena iben Michael u Inez nee` Grima mwieled Pieta fl-20 ta' Settembru, 1984, residenti Flt Nru. 1, Blok 5, Fuq San Pawl, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 576684M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Eman Cassar u cioe` talli nhar is-17 ta' April, 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew

imexxihom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta’ serq ikkwalifikat bil-valur.

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, zammu f’xi fond jew kellhom fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-diontorni tieghu armi tan-nar u munizzjon elenkati fl-Iskeda II ta’ l-Att Dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta minghajr ma kellhom licenzja taht l-imsemmi Att dwar l-armi u dan bi ksur ta’ l-artikolu 5 (1) ta’ l-Att dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mill-imputat, l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikjrija ta’ l-imputat u l-fedina penali tieghu kif ukoll il-fatt illi l-imputat ikkollabora bis-shih mal-pulizija fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 334(a), 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat Eman Cassar hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta’ seba’ (7) xhur prigunerija izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospizi ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegnwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ l-atti jigu mibghuta lill-Avukat Generali sond il-ligi.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------